



Dokument ta' sessjoni

B8-0233/2019

2.4.2019

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar il-liberalizzazzjoni tal-arranġamenti dwar il-viża mal-Kosovo

Dominique Bilde

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-liberalizzazzjoni tal-arranġamenti dwar il-viża mal-Kosovo

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1806,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 ("aġenda ta' Tessalonika"),
 - wara li kkunsidra l-Pjan direzzjonali dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża ppreżentat lill-Kosovo fl-14 ta' Ġunju 2012,
 - wara li kkunsidra l-proposta (COM(2016)0277),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi skont l-aġenda ta' Tessalonika, il-Kosovo jista' jibbenefika mil-liberalizzazzjoni tal-viżi għal soġġorn qasir u li l-aħħar kundizzjoni ġiet issodisfata mill-ftehim dwar il-fruntieri mal-Montenegro fil-21 ta' Marzu 2018;
- B. billi l-pjan direzzjonali jinkludi kundizzjonijiet relatati mal-korruzzjoni u mad-drittijiet tal-minoranzi;
1. Jinnota li l-klassifikazzjoni tal-Kosovo fl-indiċi dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni ta' Transparency International marret għall-aġħar bejn l-2017 u l-2018;
 2. Jikkonstata li l-Missjoni Temporanja ta' Amministrazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo ssottolinjat, fl-1 ta' Frar 2019, żieda fit-tensjonijiet mal-minoranza Serba wara l-impożizzjoni ta' dazji doganali ta' 100 % fuq l-importazzjonijiet Serbi u t-trasformazzjoni tal-Forza tas-Sigurtà tal-Kosovo f'armata;
 3. Jitlob lill-Kunsill jirrifjuta l-liberalizzazzjoni tal-arranġamenti dwar il-viża mal-Kosovo.